




**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 3 ta' Frar 2005

13899/04

LIMITE

**PV/CONS 62
JAI 398**



ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: **L-2613-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U
AFFARIJET INTERNI) li saret fil-Lussemburgu fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2004**

¹ Informazzjoni relatata ma' l-adozzjoni finali ta' atti tal-Kunsill li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku tinsab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni ta' l-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	3
3.	Il-Programm Pluriennali Ġustizzja u Affarijiet Interni	4
4.	Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill dwar standards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri	4
5.	Terroriżmu ("valutazzjonijiet ta' peers")	5
6.	Proposta għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill biex jissaħħaħ il-qafas ta' liġi kriminali għat-tisħiħ tal-liġi kontra t-tinġis minn vapuri	5
7.	Rekords Kriminali Ewropej	5
8.	AFFARIJIET OĦRA	6
	Għal informazzjoni:	
	- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib ta' l-aċċess għal soluzzjonijiet deġġiema	
	- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet għal żvilupp pożittiv ta' politika komuni ta' riammissjoni .	
	- Valutazzjoni ta' pjan ta' azzjoni-UE dwar drogi 2000-2004	
	- Preparazzjoni fir-rigward tal-laqgħa <i>PPC JHA Troika</i> mal-Federazzjoni Russa.	

o

o o

1. **Adozzjoni ta' l-aġenda**
13812/04 OJ/CONS 61 JAI 393

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
13815/04 PTS A 50

Il-Kunsill approva l-lista ta' punti "A" fil-13815/04, ħlief għal punti 11 u 32.

Addendum 1 għal dawn il-minuti jagħti informazzjoni dwar il-punti 1, 2, 36, 37 u 38 fuq dik il-lista.

Id-dokumenti għall-punti 7, 25 u 33 għandhom jaqraw kif ġej:

7. 10690/1/04 CRIMORG 51 JUSTCIV 89 MIGR 54 REV 1 **RESTREINT UE**
+ COR 1 (de)
+ COR 2 (de)
12314/04 CRIMORG 78 JUSTCIV 122 MIGR 71
+ COR 1 (en)
+ COR 2 (fr)
+ COR 3 (it)
25. 13448/04 CH 61
+ ADD1 REV1
13054/04 CH 43 JAI 354 FRONTTEXT 4 SCHENGEN 17 FL 19 COPEN
120 CRIMORG 90 VISA 175 EURODAC 5 ASIM 35 ASILE 56
MIGR 81
13466/04 CH 64 JAI 377 FRONTTEXT 7 SCHENGEN 20 FL 24 COPEN
125 CRIMORG 108 VISA 186
13464/04 CH 62 JAI 375 FRONTTEXT 5 SCHENGEN 18 FL 22 COPEN
123 CRIMORG 106 VISA 184
13049/04 CH 41 JAI 352 FRONTTEXT 2 SCHENGEN 15 FL 17 COPEN
118 CRIMORG 88 VISA 173 EURODAC 3 ASIM 33 ASILE 54
MIGR 79
12352/04 CH 28 JAI 315 FIN 395 GAF 10 MI 245 UD 129 AGRI 227
+ COR 1 (en)
12755/04 CH 37 AGRI 238 MI 263 UD 139 FL 13 WTO 102 IND 117 GAF 15
13270/04 CH 52 AUDIO 49 EDUC 177 SERVICES 10 CULT 84 BUDGET 50
IND 132 MI 278
13167/04 CH 48 STATIS 60 BUDGET 46 FIN 432 IND 128 TRANS 320
TOUR 19 COMER 173 SOC 456 ECO 160 AGRI 252 PECHE 311
ENER 220
13358/04 CH 58 ENV 547 BUDGET 56
12582/04 CH 32 SOC 416 MI 254 ETS 50 SERVICES 6 ELARG 150

33. 13240/04 COMER 176
+ COR 1 (da)
13242/04 COMER 177
+ REV 1 (hu).

3. **Il-Programm Pluriennali Ġustizzja u Affarijiet Interni**
13302/04 JAI 370 REV 2

Il-Kunsill għamel dibattitu dwar l-abbozz tal-programm pluriennali għall-oqsma tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja ("Il-Programm ta' l-Aja").

Wara d-dibattitu, il-Presidenza kkonkludiet li, bi stennija għal xi kwistjonijiet pendenti, b'mod partikolari dwar votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-qasam ta' Titlu IV tat-Trattat, kien hemm qbil wiesgħa fuq l-abbozz ta' test, u ddeċidiet li tgħaddih lill-Kunsill Ewropew li jmiss fl-4 ta' Novembru 2004, għal approvazzjoni.

4. **Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill dwar standards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri**
13490/04 VISA 188 COMIX 613

Il-Kunsill qabel, suġġett għal riservi ta' skrutinju mill-Awstrija u l-Finlandja, dwar l-approċċ ġenerali li ġej:

- l-ewwel identifikatur bijometriku obligatorju (xbiha tal-wiċċ) għandu jkun inkluż fil-passaporti u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar mhux iżjed tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi,
- it-tieni identifikatur bijometriku obligatorju (marki tas-swaba') għandu jkun inkluż fil-passaporti u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar mhux iżjed tard minn 36 xahar wara l-adozzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Id-delegazzjoni ta' l-Olanda daħħlet riserva ta' skrutinju Parlamentari.

5. **Terroriżmu ("valutazzjonijiet ta' peers")**
(preżentazzjoni orali)

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-Koordinatur ta' Kontra t-Terroriżmu dwar il-proċess ta' valutazzjoni ta' *peers* ta' arranġamenti nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Il-Kunsill ħa nota wkoll ta' l-erba' komunikazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni għal ġlieda kontra t-terroriżmu, biex jissaħħu l-prevenzjoni, il-preparazzjoni u r-reazzjoni għal attacchi terroristiċi.

6. **Proposta għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill biex jissaħħaħ il-qafas ta' liġi kriminali għat-tisħiħ tal-liġi kontra t-tinġis minn vapuri**
13755/04 DROIPEN 58 MAR 179 ENV 575

L-eżitu ta' proċedimenti dwar dan il-punt huwa stabbilit fil-13995/04 DROIPEN 59 MAR 188 ENV 594.

7. **Rekords Kriminali Ewropej**
(preżentazzjoni mill-Kummissjoni)
13742/04 COPEN 128

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni estratta mir-rekord kriminali li kien sottomess fl-14 ta' Ottubru 2004. L-għan tal-proposta kien li titjieb l-operazzjoni tal-mekkaniżmi eżistenti taħt il-Konvenzjoni Ewropea ta' l-1959 dwar assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, il-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 u l-Konvenzjoni ta' l-UE ta' l-2000 dwar assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali.

Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li fi żmien qasir hija ser tissottometti strument li jipproponi soluzzjoni deġġiema li tipprevedi għall-istabbiliment ta' sistema kompjuterizzata dwar skambji ta' informazzjoni dwar kundanni kriminali bejn Stat Membri.

Id-delegazzjoni Belġjana ppreżentat proposta għal Deċiżjoni Kwadru mfassla biex tissupplimenta l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill sottomessa mill-Kummissjoni. L-inizjattiva Belġjana għandha t-tir li tiżgura li diskwalifiki pronunzjati kontra xi ħadd ikkundannat għal abbuż sesswali ta' tfal fi Stat Membru jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru ieħor mingħajr formalitajiet.

Il-Kunsill, wara li ħa nota ta' l-inizjattiva Belġjana, ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma biex jipproċedi għall-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni.

8. AFFARIJET OĦRA

- **Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib ta' l-aċċess għal soluzzjonijiet dejjiema u**
- **Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet għal żvilupp pożittiv ta' politika komuni ta' riammissjoni .**

Il-Presidenza, waqt li saħqet li sħubija ma pajjiżi terzi hija indispensabbli fi kwistjonijiet koperti mill-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, informat lid-delegazzjonijiet li dawn il-konklużjonijiet kienu mistennija jiġu adottati mill-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni, fit-2 ta' Novembru 2004.

- **Valutazzjoni ta' pjan ta' azzjoni-UE dwar id-drogi 2000-2004**

Il-Kunsill sema' preżentazzjoni qasira mill-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni li ser tiġi aċċettata fit-tfassil ta' l-Istrateġija dwar Drogi 2005-2012.

L-istrateġija hija mistennija tiġi approvata mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2004.

- **Preparazzjoni fir-rigward tal-laqgħa *PPC JHA Troika* mal-Federazzjoni Russa.**

Il-Presidenza informat lid-delegazzjonijiet dwar il-preparazzjoni u l-kwistjonijiet ewlenin involuti fil-PPC Ministerjali mar-Russja, ippjanata biex tiltaqgħa immedjatament wara l-Kunsill.

=====